**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2021**

**Talba Nru: 312/2020 PM**

**GST Co. Ltd (C58864)**

**Vs**

**Salvu Micallef (333765(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2020 illi permezz tieghu is-socjeta`attrici talbet li dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li l-konvenut huwa debitur tal-attrici fis-somma ta' erbat elef, sebgha mija u erbgha u erbghin euro u erbgha u tmenin centezmi (€4744.84) rapprezentanti bilanc ta'prezz ta' oggetti mibjugha u debitament konsenjati mis-socjeta`attrici lill-konvenut kif indikat fil-fatturi ezebiti u annessi mal-istess avviz ; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Ra l-fatturi u l-i*statement* annessi mal-istess avviz a sostenn tal-istess talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-12 ta' Frar, 2021 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici li, in succint, ikkonferma l-ammont mitlub bhala dovut mill-konvenut, dan ukoll kif jirrizulta mill-fatturi u *statement* ezebiti mill fol. 2 sa 4 tal-process.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi l-konvenut ghazel li la jattendi ghas-seduti u lanqas ma jressaq r-risposta tieghu ghat-talba u kwindi a tenur tal-art. 13(b) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar**, it-Tribunal jista’ jghaddi ghad-decizjoni abbazi tal-provi migbura.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta dovut skont ix-xhieda bil-gurament tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici liema xhieda baqghet qatt ma giet kontestata. Jirrizulta wkoll li l-ammont dovut jirrapprezenta prezz ta’ diversi fornituri ta’ xorb mis-socjeta` attrici lill-konvenut ghar-rivendita tal-istess. Konsegwentement it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont l-art. 1141 tal-**Kodici Civili** kif mitlub mid-data tal-konsenji relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta`attrici is-somma mitluba ta’ erba elef, sebgha mija u erbgha u erbghin euro u erbgha u tmenin centezmi (€4744.84) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija akkwistata u fornita bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi u kif mitlub mid-data tal-konseji relattivi sad-data tal-pagement effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**